**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR GIOVANNI GRIXTI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 09/2008**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Anthony Bugeja**
**Piero di Bartolo**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-akkużi miġjuba mill-Avukat Ġenerali kontra Anthony Bugeja detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 479367(M) u Piero di Bartolo detentur tal-karta ta'l-identita' numru 19028(A) fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 09 tal-2008, kif korretta permezz

ta' digriet tal-Qorti Kriminali tas-27 ta' Ottubru 2008 akkużati talli fl-10 ta' Ottubru 2005:

i. **Fl-Ewwel Kap** fil-konfront ta' Anthony Bartolo talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna, lil Albert Brian Ross, jew li jqiegħed l-ħajja tagħha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt, u fil-konfront ta' Piero di Bartolo talli sar ħati ta' kompliċita' fl-istess omiċidju volontarju u ċioe' talli xjentement għin jew assista lill-awtur fl-atti li bihom id-delitt ġie ippreparat jew ikkunsmat, jew xewwex lill-awtur inkella saħħaħ il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt hew wiegħed li wara il-fatt jassistih, jieqaf miegħu jew jikkompensah;

ii**. Fit-Tieni Kap** fil-konfront ta' Anthony Bartolo talli fil-ħin li għamel id-delitt kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tagħhom arma tan-nar u arma regolari u dan għal ebda għan leġittimu u fil-konfront ta' Piero di Bartolo talli sar ħati ta' kompliċita' f'dan ir-reat billi b'xi mod li jkun xjentement għin jew assista lill-awtur fl-atti li bihom id-delitt ġie ippreparat jew ikkunsmat, jew xewwex lill-awtur inkella saħħaħ il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt hew wiegħed li wara il-fatt jassistih, jieqaf miegħu jew jikkompensah.

iii. **Fit-Tielet Kap** fil-konfront taż-żewġ akkużati talli xjentement ħbew l-katavru ta' persuna li mietet b'delitt;

**2.** Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta' Anthony Bugeja ppreżentata fit-28 ta' Mejju 2008 u dik tat-03 ta' Diċembru 2008 ppreżentata sussegwenti għal korrezzjoni fl-Att ta'l-Akkuża, kif ukoll in-nota ta'l-eċċezzjonijiet ippreżentata mill-akkużat Piero di Bartolo ippreżentata fit-03 ta' Ġunju 2008.

**3**. Rat id-digriet tal-Qorti Kriminali tat-23 ta' Settembru 2021 fejn l-akkuzati kienu awtoriżżati iressqu nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri.

4. Rat in-nota ta'l-eċċezzjonijiet ulterjuri konġunta ta'l-akkużati ippreżentata fis-27 ta' Settembru 2021 fejn eċċeppew:

i. l-inammissibbilita' u l-konsegwenti sfilz mill-atti proċesswali ta' kull stqarrija u/jew dikjarazzjoni rilaxxjata mill-akkużati kemm lil Membri tal-Korp tal-Pulizija, lil esperti tal-Qorti u quddiem il-Maġistrat li mexxa l-inkjesta dwar l-*in*

*genere* u per konsegwenza l-inammissibilita' u l-konsegwenti sfilz ta' kull referenza li saret fl-atti proċesswali għal dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet (skritti jew verbali) billi fiż-żmien li ġew rilaxxjati l-akkużati ma ngħatalhomx il-jedd li jikkonsultaw ma' avukat ta-fiduċja tagħhom la qabel u wisq anqas matul it-teħid tal-istqarrijiet u/jew dikjarazzjonijiet u dana bi vjolazzjoni tal-artikolu 6(3)(c) moqri flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**5**. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Frar 2022 li permezz tagħha laqgħet l-eċċezzjoni ulterjuri taż-żewġ akkużati u ddeċidiet illi fir-rigward tal-istqarrijiet/dikjarazzjonijiet magħmula mill-akkużati, kwalunkwe indikazzjoni jew referenza għalihom għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli u għalhekk għandhom jiġu sfilzati mill-atti proċesswali

**6.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-Avukat Ġenerali fit-22 ta' Frar 2022 filwaqt li għamel referenza għal provi kollha kkumpilati fl-Istruttorja u għall-atti proċesswali tal-kawża talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri imressqa mill-akkużati.

**7.** Rat ir-risposta ta'l-akkużati, appellati f'dawn il-proċeduri, ippreżentata fl-14 ta' Marzu 2022 fejn tallbu li l-appell ta'l-Avukat Ġenerali jkun miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata.

**8.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**9.** Semgħet trattazzjoni

**Ikkunsidrat:**

**10**. Illi minn eżami tal-atti kumpilatorji jemerġi illi dan il-każ ta' omiċidju volontarju jirrisali għas-sena 2005, meta allegatament inqatel ċertu Albert Brian Rosso, bil-katavru

tiegħu jibqa' qatt ma jinstab mill-pulizija. L-appellanti Buġeja u Di Bartolo jiġu mixlija b'dan l-allegat omiċidju fejn fl-investigazzjonijiet li saru mill-pulizija f'dak iż-żmien, l-akkużat Anthony Bugeja rrilaxxa tlett stqarrijiet, tnejn fil-11 t' Ottubru, 2005[1] u waħda aktar tard fl-20 ta' Ottubru 2005[2]. Minn naħa tiegħu l-akkużat Piero Di Bartolo wkoll rrilaxxja diversi stqarrijiet bl-ewwel waħda tkun dik tat-12 t' Ottubru, 2005[3] u tnejn ohra rilaxxati nhar id-19 t' Ottubru, 2005[4] u l-20 t' Ottubru, 2005 rispettivament[5]. Wara dan Di Bartolo jirrilaxxja l-aħħar stqarrija tiegħu nhar it-23 t' Ottubru, 2005[6]. Fl-eċċezzjoni ulterjuri mressqa mill-appellanti u dan wara l-iżvilupp legali u ġurisprudenzjali li seħħ in materja ta' stqarrijiet rilaxxati mingħajr l-assistenza legali intiż biex ikun mħares id-dritt kontra l-awto inkriminazzjoni, huma tallbu l-isfilz mhux biss ta' dawn l-istqarrijiet rilaxxati lil pulizija, iżda ta' kwalsiasi dikjarazzjoni anke verbali li setgħu lissnu fil-kors tal-investigazzjonijiet meta huma kienu qed jiġu mitkellma bħala suspettati fil-kummissjoni tad-delitt.

**11**. Illi l-Qorti Kriminali għoġobha tilqa' din l-eċċezzjoni u dan meta ddikjarat din il-prova li bi ħsiebha tressaq il-Prosekuzjoni bħala waħda inammissibbli għaliex l-istqarrijiet eżebiti in atti kienu rilaxxati mingħajr ebda forma ta' assistenza legali billi l-liġi viġenti fiż-żmien meta dawn kienu hekk rilaxxati ma kenitx tagħti dana il-jedd lis-suspettat. Tagħmel rassenja dettaljata tal-*iter* gurisprudenzjali u legali li segwa dan l-istitut ta' dritt penali konċernanti l-prova li ssir fil-proċess permezz tal-istqarrija magħmula mill-ġudikabbli fil-kors tal-investigazzjonijiet. Stqarret hekk il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha:

> **"Fil-kaz odjern, kif diga gie ritenut, l-akkuzat Anthony Bugeja irrilaxxa tlett stqarrijiet, fejn ghall-ewwel tnejn ma nghatatlux twissija filwaqt ghall-ahhar wahda tal-20 t' Ottubru nghata l-'caution' skond il-ligi ta' dak iz-zmien. Piero Di Bartolo rrilaxxa erba' stqarrijiet fejn ma nghatax is-solita twissija ghall-ewwel stqarrija li rrilaxxa, filwaqt li nghata ghall-ahhar tlieta. L-istqarrijiet**

[1] Fol.67 et seq tal-atti kumpilatorji
[2] Fol.81 et seq tal-atti kumpilatorji
[3] Fol. 71 et seq tal-atti kumpilatorji
[4] Fol. 74 et seq tal-atti kumpilatorji
[5] Fol.87 et seq tal-atti kumpilatorji
[6] Fol. 90 et seq tal-atti kumpilatorji

**kollha ttiehdu fis-sena 2005 u ghalhekk l-akkuzati ma kellhom l-ebda assistenza legali, kemm qabel u anke matul l-interrogatorju. Huma ma nghataw l-ebda dritt li jfittxu l-ghajnuna ta' avukat sabiex la jaghtihom parir legali u lanqas biex jassistihom matul l-interrogazzjoni, u dan billi dan id-dritt ma kienx moghti bil-ligi f'dak iz-zmien. Illli minn qari ta' l-istqarrijiet, jidher illi l-akkuzati, fejn inghataw t-twissija, intqalilhom li huma ghandhom d-dritt li ma jghidu xejn izda jekk jaghzlu li jghidu xi haga tista' tingieb bhala prova kontrihom. Madankollu, xorta jibqa' l-fatt illi jista' jkun hemm pregudizzju kontra l-akkuzati, specjalment meta min hu imsejjaħ biex jiġġudika jara t-twegibiet minnhom moghtija fl-istqarrijiet taghhom u meta huma ma kellhom jedd ghall-ebda difiza. Ghalhekk, meta hadet in konsiderazzjoni dak kollu sucitat, din il-Qorti hi tal-fhema illi fir-rigward tal-istqarrijiet tal-akkuzati u kwalunkwe indikazzjoni jew referenza ghalihom ghandhom jigu ddikjarati inammissibli."**

**10**. Illi l-Avukat Ġenerali ħassu aggravat minn din is-sentenza u fl-uniku aggravju minnu ntentat jitlob lill-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza tal-Qorti Kriminali li ddeċiediet li l-istqarrijiet rilaxxati mill-akkużati ma kellhomx valur probatorju għal motiv uniku illi dawn ma ngħatawx assistenza legali. Jisħaq li dawn l-istqarrijiet jikkostitwixxu prova determinanti f'dan il-proċess penali. Dan għaliex huwa evidenti mill-istess illi għal bidu meta l-appellanti kienu mitkellma mill-pulzija wara l-għejbien ta' Albert Brian Rosso huma ppruvaw jizzvijaw il-kors tal-investigazzjonijiet, iżda wara ammettew l-involviment tagħhom bil-wieħed madanakollu iwaħħal fl-ieħor għal dan il-qtil. Minn dawn l-istqarrijiet, jikkontendi l-Avukat Ġenerali, jemerġi wkoll illi l-appellanti ħbew il-katavru ta' Rosso meta dan kien imgeżwer, immażrat u mormi fil-baħar, f'lok fejn il-baħar kien fond ħafna 'l barra minn Delimara. Jaqsam l-Avukat Ġenerali l-istqarrijiet rilaxxati mill-appellanti f'erba' tipi differenti ta' dikjarazzjonijiet li, fil-fehma tiegħu, l-Qorti Kriminali ma għamlet ebda distinzjoni bejniethom.

i. <u>Stqarrijiet (jew aħjar dikjarazzjonijiet magħmula mill-akkużati appellati lil Pulizija fl-istadju tal-indaġini preliminari meta ma kenux għadhom suspettati bil-kummissjoni tad-delitt</u>. Dawn jirreferu għall-istqarrija rilaxxata minn Anthony Bugeja fil-11 ta' Ottubru 2005 u dik rilaxxata minn Piero di Bartolo fit-12 ta' Ottubru 2005. Jikkontendi l-Avukat Ġenerali illi ġaldarba il-jedd għall-assistenza legali huwa mogħti unikament lil persuni suspettati jew akkużati b'reat

kriminali, kwindi meta l-appellati kienu mitkellma mill-pulizija sabiex tinkiseb informazzjoni minnhom dwar l-għejbien ta' Albert Brian Rosso, u dan billi wieħed kien sħab fin-negozju miegħu u l-ieħor kien impjegat tiegħu, f'dan l-istadju tal-investigazzjonijiet dawn it-tnejn ma kenux għadhom igawdu minn dan il-jedd għaliex l-investigazzjoni ma kenitx għadha waħda ta' omiċidju, iżda kienet marbuta ma' tfittxija li kienet qed issir għal persuna irrappurtata nieqsa. Dawn id-dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet allura, fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, huma ammissibbli bħala prova u errat il-Qorti Kriminali meta iddeċidiet illi l-akkużati kellhom id-dritt għall-assistenza legali f'dan l-istħarriġ li kien għadu mhux marbut ma' wieħed ta' omiċidju volontarju.

ii. Stqarrijiet magħmula mill-akkuzati appellati lil Pulizija wara li saru persuni suspettati, liema stqarrijiet ġew minnhom rilaxxati wara li nghataw id-debita twissija skont il-liġi. Dawn jirreferu għall-istqarrija rilaxxata minn Bugeja fl-20 ta' Ottubru 2005 u dawk rilaxxati minn Di Bartolo fid-19, 20 u 23 ta' Ottubru 2005. Illi l-Avukat Ġenerali jinsisti li għal dawn l-istqarrijiet jeżistu dawk ir-raġunijiet impellenti (*compelling reasons*) li ssemmi l-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenzi tagħha fosthom *Borg vs Malta*[7] li jiġġustifikaw in-nuqqas ta' jedd mogħti ta' assistenza legali. Jikkontendi, illi f'ċirkostanzi fejn żewġ persuni kienu qed jivvintaw storja biex jiżvijaw lil Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom u sussegwentement bdew iwaħħlu f'xulxin dwar min minnhom ikkometta r-reat, din ir-restrizzjoni kienet waħda ġustifikata. Mhux biss iżda l-akkużat Di Bartolo kien anke beda jassisti lil Pulizija fl-investigazzjonijiet fejn anke indikalhom fejn kien ipparkja il-vann ta' Rosso wara id-delitt u fejn rema' l-mazz taċ-ċwievet, u fil-fatt dawn l-oġġetti kienu misjuba mill-Pulizija fil-lok indikat lilhom minn Di Bartolo. Dan kien mument kruċjali fl-investigazzjoni fejn kien hemm is-suspett anke ta' terzi persuni involuti fid-delitt u għalhekk ir-restrizzjoni fuq il-komunikazzjonijiet li s-suspettati setgħu jagħmlu ma' terzi kien wieħed vitali.

[7] Deċiża QEDB 12/01/2016

Jikkontendi l-Avukat Ġenerali illi f'dawn l-istqarrijiet l-ebda wieħed mill-akkużati ma għamel dikjarazzjonijiet inkriminatorji, u dan għaliex l-ewwel t-tnejn li huma ħolqu storju fejn kienu implikati terzi persuni li kienu ħatfu lil Rosso, u wara dan implikaw lil xulxin fil-kummissjoni tad-delitt. Il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha naqqset milli teżamina jekk dawn iċ-ċirkostanzi kenux jikkwalifikaw bħala dawk ir-raġunijiet impellenti li jiġġustifikaw ir-restrizzjoni għal jedd tal-assistenza legali.

iii. Stqarrijiet konfermati bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti wara li l-appellati, suspettati f'dak iż-żmien tal-istħarriġ dwar l-*in genere*, ingħataw it-twissija skont il-liġi. Dawn jirreferu għall-istqarrija rilaxxata mill-akkużat Bugeja fil-21 ta' Ottubru 2005 u dik rilaxxata mill-akkużat Di Bartolo fit-22 ta' Ottubru 2005 sussegwentment ikkonfermati bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fejn, fil-fehma tiegħu, japplika l-istess argument minnu miġjub 'il quddiem rigward ir-raġunijiet impellenti li kienu jeżisti fiċ-ċirkostanzi delikati tal-investigazzjoni sabiex il-jedd jiġi miċħud. *Di piu'* jinsisti illi skont sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Tyrone Fenech* u *Il-Pulizija vs Amanda Agius*, kien superjorment deċiż illi ma teżisti ebda vjolazzjoni tal-jedd għal smigħ xieraq fir-rigward ta' stqarrijiet ikkonfermati bil-ġurament quddiem Maġistrat.

iv. Stqarrijiet u dikjarazzjonijiet verbali magħmula lill-Pulizija u lill-Maġistrat Inkwirenti f'diversi stadji tal-investigazzjoni fosthom waqt l-aċċess miżmum mill-Maġistrat Inkwirenti. Illi fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali anke dawn huma ammissibbli bħala prova għaliex filwaqt illi uħud minnhom kienu rilaxxati meta l-appellati Bugeja u Di Bartolo kienu għadhom mhux meqjusa bħala persuni suspettati, oħrajn kienu mogħtija quddiem awtorita' ġudizzjarja, u ċioe' il-Maġistrat, sabiex b'hekk qatt ma jista' jkun hemm leżjoni fir-rigward. Ukoll iqies illi għal dawn l-istqarrijiet tapplika ukoll ir-regola esklużjonarja għall-eżerċizzju

ta' dan il-jedd billi kienu jeżisti dawk ir-raġunijiet impellenti li titkellem dwarhom il-ġurisprudenza ewropeja.

Finalment l-Avukat Ġenerali jisħaq illi fuq l-iskorta tal-pronunzjamenti magħmula mill-QEDB fil-każijiet *Beuze vs Il-Belġju* u *Farrugia vs Malta,* huwa prematur f'dan l-istadju illi l-istqarrijiet ikunu dikjarati inammissibbli minħabba potenzjali lezjoni ta' dritt għal smigħ xieraq li fuqha l-appellati qed iserrħu n-nuqqas probatorju ta' dawn l-istqarrijiet, u dan għaliex dan jista' jiġi mistħarreġ u stabbilit unikament meta jitqiesu l-proċeduri fl-intier tagħhom meta jkun jista' jsir it-test tal-hekk imsejjaħ *overall fairness*.

**Ikkunsidrat:**

**11**. Illi fir-rigward tal-prinċipju regolatur dwar l-ammissibilita' ta' prova fil-proċess penali, prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova. Illi f'dawn il-każijiet li l-Qorti qed issib f'ħoġorha li jittrattaw il-valur probatorju ta' stqarrijiet rilaxxati mill-persuna akkużata li ma ngħatatx l-assistenza legali la qabel u wisq anqas waqt it-teħid ta' dik l-istqarrija, hija qed tiġi imsejħa tqies l-ilment mill-ottika ta' dritt kostituzzjonali iktar milli fl-ambitu ta' proċess ġudizzjarju penali. Dan għaliex mhux qed tiġi invokata ebda regola tal-liġi penali li teskludi l-produċibilita' tal-istess stqarrijiet fejn allura jiġi mfittex r-rimedju ordinarju għal lanjanza <u>purament</u> ta' natura kostituzzjonali.

**12**. Illi huwa prinċipju ta' dritt penali illi fir-rigward ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija tal-persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, iżda li għadha ma ġietx mixlija l-Qorti, dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet ġaladarba jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, għandhom jittieħdu skont il-liġi. Huma l-istqarrijiet jew dikjarazzjonijiet hekk imsejjħa '*pre-trial*', miksuba bi vjolazzjoni ta' dritt li għandhom jiġu skartati billi nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju. Din ir-

regola hija riflessa fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali[8]. Illi l-pożizzjoni ta' dritt li tirregola it-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran, iżda, ra żviluppi sostanzjali f'dawn l-aħħar snin. Illi fiż-żmien meta l-appellati kienu mitkellma mill-pulizija lura fis-sena 2005 huma ma kellhom jedd għal ebda forma ta' assistenza legali billi l-liġi f'dak iż-żmien kienet teskludi dan id-dritt b'mod sistematiku. Fl-2010 daħal fis-seħħ l-artikolu l-ġdid maħluq bl-Att III tal-2002 fejn *"il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali , wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-sub-artikolu."* Imbagħad bit-trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta' dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew permezz tal-Att LI tal-2016, sar tibdil għall-artikolu 355AT u l-Artikolu 355AU tal-Kodiċi Kriminali meta daħal id-dritt tal-assistenza legali kif postulat f'din id-Direttiva.

**13**. Illi huwa indubitat, kif tajjeb traċċat mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha, illi kien hemm evoluzzjoni fil-ġurisprudenza, kemm dik lokali kif ukoll ewropeja dwar il-jedd ta' persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, li tkun assistita minn avukat, bil-liġi qabel Frar tas-sena 2010, teskludi kompletament dan il-jedd. Din il-bidla fil-liġi wasslet sabiex il-qrati matul dawn l-aħħar snin issindikaw il-validita' tal-proċeduri penali u ċioe' jekk dawn setgħux ġew ivviżjati bil-leżjoni tal-jedd għas-smigħ xieraq tal-persuna akkużata meta din tkun irrilaxxat stqarrija mingħajr difiża adegwata, liema stqarrija sussegwentement tinġieb bħala prova fl-imsemmija proċeduri. Illi dan wassal

[8]Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub,b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

għal fehmiet differenti espressi mill qrati ta' kompetenza penali kif ukoll dawk kostituzzjonali u anke evoluzjoni fil-ħsieb tal-QEDB liema ħsieb imbagħad influwenza deċizjonijiet illi ġew wara s-sentenzi fil-każ *Philippe Beuze vs il-Belġju* (71409/10) deċiża fid-09 ta' Novembru 2018, u *Farrugia vs Malta* illi xi ftit jew wisq tbiegħdu mill-insenjament imfassla fid-deċiżjoni ta' *Salduz* u oħrajn. Illi f'dawn id-deċiżjonijiet il-Qorti Ewropea reġgħet adottat il-kriterju tal-"*overall fairness of the proceedings*" sabiex jiġi mistħarreġ jekk seħħitx xi leżjoni għad-dritt tas-smigħ xieraq, u dan wara li jiġi superat l-ewwel test, u cioe' jekk kienx hemm xi raġunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt għall-assistenza legali jiġi miċħud.

**14**. Issa l-Avukat Ġenerali jistrieħ fuq l-argument illi kienu jeżistu dawk ir-raġunijiet impellenti li l-QEDB fasslet bħala l-ewwel test li jrid jiġi superat qabel ma jsir it-test tal-hekk imsejjħa *overall fairness* tal-proċeduri, u dan b'referenza għal dawk l-istqarrijiet tal-appellati rilaxxati mill-mument li kienu meqjusa bħala suspettati fil-kummissjoni tal-qtil ta' Albert Brian Rosso. Iqies bħala raġuni impellenti il-fatt illi l-appellati, li f'dak iż-żmien, kif ingħad, kienu bdew jitqiesu bħala suspettati bil-kummissjoni tad-delitt, kienu qed jippruvaw jiżvijaw l-investigazzjonijiet fejn finalment tefgħu l-ħtija fuq xulxin u allura, fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, kwalunkwe komunikazzjoni ma' terzi setgħet ixxekkel il-kors tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Illi l-Qorti mal-ewwel tirrimarka illi dan il-motiv miġjub 'il quddiem mill-Avukat Ġenerali jirrażenta il-fieragħ u dan għaliex l-appellati ma ingħatawx l-assistenza legali meta kienu mitkellma mill-pulizija lura fis-sena 2005, mhux għal din ir-raġuni li issa qed iġib 'il quddiem l-Avukat Ġenerali, iżda għaliex il-liġi dak iż-żmien dan il-jedd ma kenitx tagħtih lis-suspettat. Illi allura r-restrizjoni, jew aħjar iċ-ċaħda, li kien hemm għal eżerċizzju tad-dritt, ma kenitx xi waħda marbut ma' konsiderazzjonijiet dwar xkiel fl-investigazzjonijiet, kif donnu qed jipprospetta issa l-Avukat Ġenerali. Dan l-intopp ma jissemma imkien fix-xiehda tal-investigaturi. Fuq kollox parallellalment mal-investigazzjonijiet kienet imnehdija l-inkjesta dwar l-*in genere* taħt l-awtorita' tal-Inkwirenti fejn żgur u mhux forsi, kien hemm dik il-garanzija ta' leġittimita' u l-eżerċizzju tal-kontroll meħtieġ sabiex ebda

wieħed mis-suspettati ma jipprova jimmina l-investigazzjoni. Prova ta' dak allegat mill-Avukat Ġenerali, ghallinqas ma hemmx fl-atti, anzi jirriżulta illi l-appellat Di Bartolo saħansitra assista lil pulizija fl-investigazzjoni tant illi kif jikkonċedi l-Avukat Ġenerali stess, dan kien qed jikkollabora magħhom u igħinhom fl-istħarriġ. Illi kif kien deċiż fis-sentenza *Ibrahim et vs l-Ingilterra*, u fis-sentenzi li segwew inkluż dik ta' *Beuze*, dawn ir-raġunijiet impellenti fost oħrajn jridu jkunu tali illi jipprospettaw il-bżonn li jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn ikun hemm xi periklu għas-siġurta' pubblika, periklu għal ħajja, il-liberta' jew l-integrita' fiżika fost oħrajn, u mhux għaliex l-investigaturi ma jkunux jridu lis-suspettati jikkomunikaw ma' terzi biex ma jxekklux l-investigazzjoni. F'*Ibrahim* lanqas *leaks* fl-investigazzjoni ma kienet meqjusa bħala raġuni impellenti:

***ii) The meaning of "compelling reasons"***

***258. The first question to be examined is what constitutes compelling reasons for delaying access to legal advice. The criterion of compelling reasons is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the first interrogation of the suspect, restrictions on access to legal advice are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case (see Salduz, cited above, § 54 in fine and § 55). It is of relevance, when assessing whether compelling reasons have been demonstrated, whether the decision to restrict legal advice had a basis in domestic law and whether the scope and content of any restrictions on legal advice were sufficiently circumscribed by law so as to guide operational decision-making by those responsible for applying them. To date, the Court has not provided guidance on what might be considered compelling reasons under this limb of the Salduz test. The compelling nature of the reasons advanced by a respondent Government to justify restrictions on legal assistance during police questioning must be assessed on a case-by-case basis, with reference to the general criteria set out above.***

***259. The Court accepts that where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to compelling reasons to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention. In such circumstances, there is a pressing duty on the authorities to protect the rights of potential or actual victims under Articles 2, 3 and 5 § 1 of the Convention in particular. The Court notes, in this regard, that Directive 2013/48/EU, which enshrines the right to legal assistance, provides for an exception to this right in exceptional circumstances where, inter alia, there is an urgent need to avert serious adverse***

*consequences for the life, liberty or physical integrity of a person (see paragraph 210 above). Similarly, in the United States, following its ruling in Miranda v. Arizona, the Supreme Court made clear in its judgment in New York v. Quarles that there is a "public safety exception" to the Miranda rule, permitting questioning to take place in the absence of a lawyer and before a suspect has been read his rights where there is a threat to public safety (see paragraphs 229-230 above; see also the position in Canada and in a number of those member States of the Council of Europe whose laws permit temporary delays in access to legal advice, at §§ 232 and 228 respectively, above). However, in so far as the Chamber judgment can be taken to have accepted that a general risk of leaks might qualify as compelling reasons, this finding must be rejected: <u>the Court considers that a non-specific claim of a risk of leaks cannot constitute compelling reasons so as to justify a restriction on access to a lawyer.</u>*[9]

L-istess ingħad fis-sentenza Beuze:

***142. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case (see Salduz, cited above, §§ 54 in fine and 55, and Ibrahim and Others, cited above, § 258). A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons.***
***143. The Court has also explained that where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see Ibrahim and Others, cited above, § 259, and Simeonovi, cited above, § 117)....***

***161. The Court reiterates that restrictions on access to a lawyer for compelling reasons, at the pre-trial stage, are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case (see paragraph 142 above). There was***

[9] *(Applications nos. 50541/08, 50571/08, 50573/08 and 40351/09)- deċiża 13 ta' Settembru 2016*

> ***clearly no such individual assessment in the present case, as the restriction was one of a general and mandatory nature[10].***

**15**. Illi espost l-insenjament tal-QEDB, allura l-argument ta'l-Avukat Ġenerali ma jistax ireġi u dan għaliex l-uniku raġuni 'il għala l-appellati kienu imċaħħda mid-dritt għall-assistenza legali, zgur mhux forsi, kienet għaliex il-liġi kienet tipprekludi dan id-dritt u għall-ebda raġuni oħra.

**16.** Illi lanqas ma għandu raġun l-Avukat Ġenerali fir-rigward tal-valur probatorju tal-istqarrijiet rilaxxati mill-appellati meta dawn kienu mitkellma dwar l-għejbien ta' Rosso meta dan kien rappurtat nieqes. Illi huwa minnu illi f'dan l-istadju l-appellati ma kenux qed jitqiesu bħala suspettati fil-kummissjoni tar-reat ta' omiċidju billi l-istħarriġ ma kienx għadu qed jieħu din il-linja, iżda meta imbagħad din ħadet il-bixra ta' stħarriġ dwar omiċidju, l-appellati, issa fil-figura ta' suspettati, spiċċaw jiffaċċjaw akkużi aktar onerużi wara li kienu diġa' għamlu dikjarazzjonijiet marbuta mal-każ u li setgħu kienu inkriminatorji fir-rigward tal-qtil. Igħid hekk l-Assistent Kummissarju Michael Cassar, li dak iż-żmien kien qed imexxi l-investigazzjoni:

> ***"Fil-fatt dawn is-suspetti (***b'referenza għas-suspett illi l-appellati setgħu kienu involuti fil-qtil ta' Rosso***) bdew jissaħħu peress li l-verżjonijiet mogħtija minn Anthony Bugeja u Piero di Bartolo (***dawk inizjali mogħtija mingħajr twissija***) li kienu fl-istess dar meta ġie Brian Rosso, kien hemm diskrepanzi fihom."***

U wara dan jagħmel elenku ta' dawn id-diskrepanzi fil-verżjonijiet mogħtija kemm verbalment kif ukoll fl-istqarrija bil-miktub rilaxxata mingħajr *caution* miż-żewġ appellati. Tant hu hekk illi imbagħad rinfaċċjati b'din is-sitwazzjoni huma jibdew ibiddlu l-verżjoni tal-fatti u spiċċaw iwaħħlu f'xulxin. Illi dan ifisser illi jekk anke dawn l-istqarrijiet, li *del resto* ittieħu mingħajr ebda kawzjoni fil-liġi, ikunu ammessi bħala prova dan jista' jwassal għal preġudizzju serju għall-appellati. Illi għalkemm għad jrid jiġi ċċelebrat il-ġuri sabiex l-appellati jkunu pproċessati skont il-liġi fejn se jingħataw kull opportunita' li jiddefendu rwieħhom għall-akkużi lilhom addebitati, madanakollu

---

[10] (Application no. 71409/10) - 9 ta' Novembru 2018

l-ebda prova ma tista' teradika l-fatt illi meta rrilaxxaw stqarrijiet fil-bidu tal-istħarriġ dawn kienu indirizzati sabiex tiġi rintraċċata persuna rappurtata nieqsa u allura ingħataw mingħajr id-debiti kawteli fil-liġi, liema prova madanakollu ser ikollhom piż fil-proċess penali fuq l-akkużi lilhom addebitati ta' omiċidju. Illi fil-fatt minn eżami tal-atti kumpilatorji, jirriżulta illi meta mart Rosso għamlet ir-rapport li żewġha kien nieqes, din mal-ewwel infurmat lil pulizija illi huwa kien qed jiġi mhedded minn xi persuni ta' nazzjonlita' taljana dwar l-iskuna tas-sajd. Dan meta l-appellati it-tnejn kienu involuti mal-vittma fin-negożju tas-sajd. Illi allura meta l-appellati kienu għal diversi drabi interrogati qatt ma kelluhom ebda forma ta'difiza, mill-istadju inizjali fejn il-pulizija diġa' kellhom suspett illi l-għejbien ta' Rosso seta' kien marbut man-negożju tiegħu tas-sajd. Illi mhux biss, iżda il-verżjoni tal-fatti li temerġi minn dawn l-istqarrijiet ser tiġi imqiegħda mill-ġurati fuq il-miżien tal-kredibbilita' ma' dak dikjarat mill-istess appellati fi stqarrijiet li ittieħdu wara meta imbagħad bdew jitqiesu bħala suspettati u wkoll ma' dak li jista' jiġi dikjarat minn xhieda oħra jew li jista' jemerġi minn xi provi indizzjarji. Illi allura l-Qorti ma tistax tilqa' l-argument ta'l-Avukat Ġenerali illi dawn l-istqarrijiet għandhom valur probatorju u huma ammissibbli bħala prova iktar u iktar, kif ingħad, meta dawn ma ġewx rilaxxati bid-debiti kawteli li toffri l-liġi kontra l-awto-inkriminazzjoni tal-persuna akkużata bil-kummissjoni ta' reat.

**17**. Illi l-istess jista' jingħad fir-rigward ta' dawk l-istqarrijiet ġuramentati quddiem l-Inkwirenti u kwalsiasi dikjarazzjoni li setgħu għamlu l-appellati fil-kors tal-*in genere* lil din l-awtorita' ġudizzjarja. Illi għalkemm l-Avukat Ġenerali jiċċita deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fejn tali stqarrijiet ma kenux imwarrba mill-atti, madanakollu minn dak iż-żmien meta kienu deċiżi dawn il-kawżi, l-Qorti Kostituzzjonali kienet tal-ħsieb differenti bis-sentenza l-aktar reċenti fl-ismijiet *Christopher Bartolo vs l-Avukat ta'l-Istat et*[11] fejn intqal hekk:

[11] QK – Christopher Bartolo vs l-Avukat ta'l-Istat – deċiża 26/04/2022

**11. Illi dan ifisser ukoll li għalkemm jista' jkun li dik l-istqarrija maħlufa ma kisritx diġa` l-jedd fundamentali tal-appellat għal smigħ xieraq (minħabba li l-proċess kontrih għadu mhux mitmum), x'aktarx iġġiblu ksur ta' dak il-jedd li kieku wieħed kellu jqis dak li tgħid fiha u jimxi fuqha. .....**

**15. Illi meta wieħed jiġi biex jifhem kif jitħaddem kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, iridu ta'bilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun, u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li ta' bilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq. F'ċirkostanza bħal din u safejn ma toħroġx prova ta' xi ħsara jew preġudizzju li ma jissewwiex, huwa ndikat u għaqli li l-istħarriġ dwar jekk wieħed ingħatax smigħ xieraq isir wara li jkun intemm il-proċediment li jkun u mhux qabel. Huwa minnu wkoll li wieħed ma jistax jeskludi minn qabel li jista' jkun hemm ċirkostanza proċedurali waħda matul il-proċess ġudizzjarju li taf tkun serja u determinanti biżżejjed biex titlob l-istħarriġ tal-ilment ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda r-regola tibqa' li jitqies l-iter proċedurali kollu. ...**

Finalment imbagħad ġie hekk deċiż:

**"Min-naħa l-oħra, bħalma din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ewwel kawża kostituzzjonali sabet li kien jixraq li ma jsir l-ebda użu ieħor taż-żewġ stqarrijiet li r-rikorrent appellat ta lill-Pulizija, bla ma sabet li kien diġa` ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, hekk ukoll f'dan il-każ, il-fatt li din il-Qorti jidhrilha li ma għandu jsir l-ebda użu mill-istqarrija maħlufa li l-appellat għamel quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, ma jfissirx li dan qiegħed isir għaliex huwa ġarrab ksur ta' dak il-jedd, imma sewwasew biex jitneħħa l-biżgħa li jista' jġarrab ksur bħal dak."**

**18**. Illi allura, għalkemm l-Avukat Ġenerali jista' jkollu raġun fl-ilment minnu ventilat dirett lejn is-sentenza appellata, u għalkemm huwa minnu wkoll illi l-leżjoni tal-jedd għas-smigħ xieraq jista' jkun mistħarreġ unikament meta jintemm il-proċess penali fl-intier tiegħu, madanakollu qed tingħata direzzjoni lil qrati ta' ġurisdizzjoni penali mill-istess Qorti Kostituzzjonali sabiex din il-prova titwarrab mill-atti probatorji fl-interess tal-ġustizzja u għall-integrita' tal-proċess, bil-għan li ma jkunx hemm ir-riskju

ta' leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Illi fil-fehma tal-Qorti dan għandu jseħħ iktar u iktar f'dan il-każ fejn ir-restrizjoni għal jedd tal-assistenza legali kienet waħda sistematika fejn fl-ebda stadju tal-istħarriġ, kemm dak tal-pulizija kif ukoll dak dwar l-*in genere* l-appellati ma kienu mogħtija difiża adegwata sabiex jiddefendu ruħhom mill-periklu tal-awto-inkriminazzjoni.

**19**. Illi llum, fid-dawl tas-sentenzi mogħtija in materja, jidher opportun li l fehma ta' din il-Qorti tkun konsoni mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali li hija waħda kostanti u ripetuta u dan fir-rigward ta' kawżi kriminali li għadhom *sub iudice*. Dan għalkemm id-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija univoka, u ċioe' illi kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija, dan setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha.

**20**. Illi finalment f'dan il-każ il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel permezz tal-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet kollha magħmula mill-appellati hija waħda determinanti ferm, iktar u iktar f'xenarju fejn il-kadavru tal-vittma Albert Brian Rosso baqa' ma instabx. Mhux biss iżda l-Avukat Ġenerali, bid-diskrezzjoni fdata lilu bil-liġi, miż-żmien meta inħarrġet l-Att ta'l-Akkuża jidher li kien inċert jekk l-appellati kellhomx jiġu proċessati flimkien jew separatament fejn fil-bidu kienet saret is-separazzjoni tal-ġudizzju fuq talba ta'l-imsemmi Avukat Ġenerali, iżda snin wara reġa' biddel il-fehma u talab biex il-proċessi taż-żewġ appellati jerġgħu jingħaqdu flimkien. Jibqa' il-fatt madanakollu illi l-appellati huma ko-akkużati fil-qtil ta' Albert Brian Rosso bix-xiehda u dikjarazzjonijiet magħmula mill-wieħed ma jistgħux jitqiesu bħala prova fil-konfront ta'l-ieħor u *viċe-versa*. Illi rinfaċċjati b'din is-sitwazzjoni zgur mhux forsi illi jekk l-istqarrijiet rilaxxati mill-appellati meta ma kellhomx difiża adegwata, jibqgħu jiffurmaw parti mill-atti fejn, kif ingħad, dawn l-istqarrijiet jikkostitwixxu prova determinati f'din il-vertenza ġudizzjarja, huma jistgħu

isofru minn preġudizzju irrimedjabbli li jista' jivvizja l-proċess penali stitwit kontra tagħhom.

**21. Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. Tirrimanda l-atti quddiem il-Qorti Kriminali sabiex jitkompla il-proċess penali kontra l-appellati.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**